# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2004**

**Numru 20**

**Rikors numru 834/2017/1 LM**

**Richard Zammit**

**v.**

**Warren Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut wara deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Mejju 2019. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur u sabet lill-konvenut responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u ordnat lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u erba' ewro, u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€15,904.87).

## Daħla

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fit-13 ta' Settembru 2017, talab lill-Ewwel Qorti:

> *1. Tiddikjara l-intimat unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fi triq parallela (lay by) għal Triq l-Imdina u li tinfed proprju għall-istess Triq l-Imdina, meta bil-vettura tiegħu, Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE 451 baqa' dieħel fil-mutur li fuqu kien hemm l-intimat, mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HDC 002, b'riżultat ta' liema sofra danni u debilità permanenti;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, kemm fiżiċi kif ukoll dawk materjali b'riżultat tal-istess inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *1. Illi fis-26 ta' Lulju, 2015 ir-rikorrent kien qiegħed isuq mutur tat-tip Harley Davidson Electra Glide Ultra Classic bin-numru ta' reġistrazzjoni HDC 002, u waqt li kien ħiereġ flimkien ma' ħbieb oħra wkoll fuq muturi mill-parking bay li hemm fit-triq parallela għal Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ, wara li dan ħa d-debiti prekawzjonijiet, hekk kif ħareġ mill-parking bay u laħaq iddritta l-mutur, l-intimat li kien qiegħed isuq vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE 451, baqa' dieħel fuq wara tal-mutur wara li żamm brejk qawwi u kkawżalu danni kemm fiżiċi kif ukoll materjali;*
>
> *2. Illi l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort tal-imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku tal-intimat;*
>
> *3. Illi r-rikorrent kawża tal-inċident u tal-impatt qawwi li kien hemm, sofra ġrieħi serji f'saqajh, tant li kellu jiġi rikoverat fl-Isptar Mater Dei għal madwar ġimgħtejn, kien jeħtieġ żewġ operazzjonijiet f'saqajh ix-xellugija,*

*u dam madwar disa' xhur ma jistax imur għax-xogħol, madwar ħamsa minnhom lanqas ġie permess lilu li jimxi, kif ukoll ħsarat kbar fil-mutur ammontanti għal madwar ħamest elef Euro (€5,000), kif ser jiġi ppruvat meta jinġabru l-provi waqt il-ġbir tal-istess fil-kawża;*

*4. Illi minkejja l-fatt li l-intimat ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimat baqa' inadempjenti.*

4. Il-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-konvenut Warren Zammit kien b'xi mod jaħti għall-inċident in kwistjoni, u dana hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għal fuq premess, kull somma ta' danni pretiża mir-rikorrenti hija kontestata, u r-rikorrenti għandu jressaq l-aħjar prova valida skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-inċident u li juri li d-danni pretiżi minnu huma riżultat esklussiv tal-inċident mertu tal-kawża u tal-ebda inċident preċedenti, jew ta' xi pre-existing health condition illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe ċirkostanza oħra;*

*3. Illi fl-aħħarnett, mingħajr preġudizzju għalll-fuq premess, l-esponenti jeċċepixxu illi f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġà ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża oderna;*
*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi"*

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti decide:

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;*

*2. Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' ħmistax-il elf, disa' mija u erba' Euro, u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€15,904.87);*

*4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.*

6. Il-konvenut (minn issa 'l quddiem l-appellant) ressaq appell nhar it-18 ta' Mejju 2019 u l-attur (minn issa 'l quddiem l-appellat) ressaq risposta nhar il-5 ta' Awwissu 2019.

**Fatti**

7. Din il-Qorti rat l-atti. Rat is-sommarju ta' fatti fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u fir-rigward tal-akkadut tal-inċident rat:

> *Kontestwalment mar-rikors maħluf tiegħu, l-attur esebixxa kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut fl-10 ta' Marzu, 2017 , fejn il-konvenut intalab jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur in segwitu għall-inċident li seħħ fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ. Ġiet* ***ippreżentata wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija in segwitu għall-inċident , minn fejn jirriżulta li hekk kif il-Pulizija marru fuq il-post fejn seħħ l-inċident sabu erbatax-il metru ta' marki tal-brejkijiet kompatibbli mar-roti tal-vettura misjuqa mill-konvenut****. Ġew ippreżentati wkoll fatturi maħruġa minn kumpannija bl-isem 'ProRides Ltd' bl-ispejjeż li kellhom isiru fuq il-mutur li kien qiegħed isuq l-attur, sabiex dan jitranġa wara li seħħ l-inċident, flimkien ma' sensiela ta' ritratti li juru l-ħsarat estensivi li ġarrab il-mutur misjuq mill-attur.*
>
> ***L-attur*** *fl-affidavit tiegħu qal li hu jaħdem bħala direttur ta' kumpannija li tagħmel xogħol fuq il-muturi, bħal tiswija u xogħol ta' surveying, kif ukoll bejgħ bl-ingrossa ta' parts tal-muturi. Qal li hu dilettant kbir tal-muturi u ilu jsuq mutur sa minn meta kellu dsatax-il sena, u żied jgħid ukoll li qatt ma kellu inċident bil-mutur. Qal li l-esperjenza tiegħu fis-sewqan tal-muturi hi waħda sostanzjali, tant li għamel advanced driving course fl-Ingilterra, minn fejn tħarreġ anki fil-protezzjoni waqt is-sewqan. L-attur qal li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-26 ta' Lulju, 2015, filgħaxija, waqt li hu u l-mara tiegħu kienu sejrin dawra bil-mutur ma' xi ħbieb tagħhom. Qal li dak il-ħin tal-inċident il-mutur kien ipparkjat bejn żewġ muturi oħra quddiem il-garaxx tiegħu fi Mdina Road, li jiżbokka fuq service road parallela****. Żied jgħid li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda dejqa u b'karreġġjata waħda u hija wkoll one way.*** *L-attur qal li hu kien ħiereġ mill-parking bay fejn kien ipparkjat, wara li assigura ruħu li ma kinux ġejjin vetturi min-naħa tal-lemin, minħabba li t-triq hi one way,* ***u hekk kif iddritta l-mutur tiegħu u beda jsuq sema' ħoss ta' brake u spiċċa mal-art****. Qal li pprova jqum, iżda sħabu u l-mara li kienet riekba miegħu bdew jgħidulu ma jiċċaqlaqx minħabba li kien evidenti li kien sofra ġrieħi sostanzjali f'saqajh. Żied jgħid li dak il-ħin qabdu uġigħ qawwi f'saqajh, u ġiet imsejħa ambulanza fuq il-post. L-attur qal li hekk kif wasal l-isptar hu ngħata xi injezzjonijiet biex imewtu l-uġigħ u sarulu xi x-rays,*

*filwaqt li ġie infurmat li kienu ser isirulu xi interventi kirurġiċi l-għada stess. Qal li dam rikoverat l-isptar ġimagħtejn sħaħ u li kien biss disa' xhur wara l-inċident li seta' jerġa' jirritorna għax-xogħol. Żied jgħid li madwar ħames xhur wara li seħħ l-inċident hu kien beda s-sessjonijiet tal-fiżjoterapija, u wara li ħareġ mill-isptar kellu jagħmel użu minn siġġu tar-roti għal madwar erba' xhur. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li minħabba f'dan l-inċident hu għadu jbati minn uġigħ, nefħa u għejja, tant hu hekk li ma jistax idum fuq saqajh għal tul ta' ħin. L-attur qal li l-mobilità tiegħu ġiet affettwata, tant hekk irid joqgħod attent kif isuq. L-attur ikkonkluda billi qal li mhux eskluż li fil-futur ikollu bżonn interventi kirurġiċi oħrajn. Flimkien mal-affidavit tiegħu l-attur ippreżenta wkoll sensiela ta' ritratti li juru b'mod preċiż is-sit fejn seħħ l-inċident, flimkien ma' numru ta' rċevuti b'rabta ma' spejjeż li huwa kellu jagħmel konsegwenza tal-inċident.*

*L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport mediku mħejji mill-kirurgu ortopediku Mr Jason Zammit, li qal li s-sitwazzjoni tal-attur wara l-inċident hi waħda fejn dan għadu qed isofri minn nefħa u wġigħ f'saqajh. L-attur jeħtieġlu jserraħ saqajh għal sagħtejn kuljum waranofsinhar minħabba li ma jiflaħx għal ġurnata sħiħa fuq saqajh mingħajr serħan. Wara li eżamina lill-attur, Mr Zammit wasal għall-konklużjoni li dan għadu jsofri minn debilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%).*

*...*

*Fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2017 xehed is-Surġent James Weatherill, li qal li hu kien is-Surġent li mar fuq il-post tal-inċident dakinhar li seħħ. Ix-xhud qal li dakinhar tas-26 ta' Lulju 2015, f'Ħaż-Żebbuġ kienet qiegħda tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp, meta hu ġie infurmat li kien seħħ inċident fi Triq l-Imdina. Qal li meta mar fuq il-post sab lill-attur mal-art, iżda l-mutur kien ġie mċaqlaq u għalhekk il-Pulizija ma setgħetx tagħmel skizz tal-inċident. Ix-xhud qal li dak il-ħin hu tkellem mal-attur, li kien qallu li kien ħiereġ mit-triq bil-mod meta ntlaqat minn vettura. Ix-xhud ikkonferma li hu tkellem ukoll mal-konvenut, li kien qallu li l-mutur ħariġlu għal għarrieda bil-konsegwenza li dan baqa' dieħel fih. Ix-xhud qal li hu kejjel il-brake marks li kien hemm mal-art, u li kienu kompatibbli mar-roti tal-vettura tal-għamla Volkswagen misjuqa mill-konvenut, u l-marki tar-roti kienu twal erbatax-il metru. Ix-xhud qal li l-għada tal-inċident hu kien bagħat għall-konvenut sabiex ikellmu l-Għassa, u dan kien qallu li ma jafx kemm kienet il-veloċità li kien għaddej biha.* ***Kien qallu wkoll li l-vettura misjuqa minnu ma kellhiex sistema ta' ABS u għalhekk meta għafas il-brake, din baqgħet titkaxkar.*** *Ix-xhud qal ukoll li hu kien ikkonferma mal-isptar li l-attur kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi. Ix-xhud qal li b'rabta ma' dan l-inċident kienu nħarġu akkużi kriminali kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.* ***Mart l-attur, Sally Zammit****, fl-affidavit tagħha qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi u r-raġel tagħha kienu miftehmin li jmorru dawra bil-muturi ma' xi ħbieb tagħhom.* ***Qalet li hi kienet riekba wara żewġha fuq l-istess mutur, u l-mutur tagħhom kien l-ewwel wieħed li beda miexi.*** *Ix-xhud iddeskriviet kif malli l-mutur iddritta fit-triq,* ***hi semgħet brake***

***kbir u lil sħabha jwerżqu, filwaqt li ħasset l-impatt mal-mutur hekk kif hi u r-raġel tagħha waqgħu minn fuqu.*** *Ix-xhud qalet li hi ppruvat tqum mill-art hekk kif rat lil żewġha li minkejja li seta' jkellimha, kellu saqajh miksura u ma setax jiċċaqlaq. Qalet li l-vettura li laqtithom waqfet ftit metri bogħod minn fejn waqaf il-mutur. Ix-xhud qalet li s-service road hija dritta, u li dak il-ħin tal-inċident il-mutur ta' żewġha kellu d-dawl mixgħul. Ix-xhud spjegat kif konsegwenza ta' dan l-inċident, żewġha dam rikoverat l-isptar ġimagħtejn, u kif għal perijodu ta' ħames xhur ma setax jerfa' piżijiet. Kien biss madwar disa' xhur wara l-inċident li l-attur seta' jidħol xi nofstanhar xogħol. Ix-xhud qalet li hi direttur tal-kumpannija ProRides Ltd li hi kumpannija li tagħmel xogħol ta' bejgħ bl-ingrossa ta' parts tal-muturi, u żewġha huwa wkoll direttur ta' din il-kumpannija. Ix-xhud żiedet tgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident u anki għax żewġha għamel numru ta' xhur ma jidħolx xogħol, il-kumpannija sofriet telf. Ix-xhud ikkonludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li r-raġel tagħha kien jagħmel ħafna xogħol ta' tiswija li jirrikjedi li bniedem iqatta' ħin twil fuq saqajh, u minkejja li għadda żmien mhux ħażin minn meta seħħ l-inċident, ir-raġel tagħha għadu jħoss il-bżonn li jieqaf iserraħ riġlejh għal xi ħin matul il-ġurnata tax-xogħol.*

*Ix-***xhud Mirko Van De Donk** *fl-affidavit tiegħu qal li hu ħabib tal-attur, u dak il-ħin tal-inċident hu kien riekeb fuq il-mutur tiegħu minħabba li kienu grupp ta' ħbieb, tliet koppji, li ftiehmu li joħorġu flimkien dawra bil-mutur. Ix-xhud qal li hu jiftakar li l-attur kien l-ewwel wieħed li ħareġ mill-parking bay, u f'daqqa waħda instema' ħoss ta' brejkijiet u induna li vettura kienet laqtet il-mutur tal-attur minn wara. Ix-xhud qal li fil-mument li fih intlaqat il-mutur tal-attur, huma kienu għadhom ser jibdew isuqu, u hu ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh. Żied jgħid ukoll li hu jaf li l-attur qatta' perijodu ta' żmien rikoverat, u li għadu jħoss ċertu wġigħ minħabba f'dan l-inċident.*

***Ix-xhud Karen Sciberras*** *fl-affidavit tagħha qalet li kienet riekba fuq il-mutur wara Mirko Van De Donk fil-ħin meta seħħ l-inċident. Ix-xhud qalet li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, il-muturi kollha kellhom id-dawl mixgħul u huma kienu fuq l-aħħar mutur li kellu joħroġ mil-parking bay. Qalet li hi rat lill-attur u lil martu jiċċekkjaw kinux ġejjin vetturi qabel saqu u ddrittaw il-mutur, u hekk kif l-attur iddritta l-mutur tiegħu, dawn semgħu ħoss kbir ta' tyres jibbrejkjaw u raw lill-attur jaqla' daqqa minn wara.*

*Dan ġie kkonfermat ukoll* ***mix-xhud Caroline Parnis****, ħabiba oħra tal-attur u ta' martu, li dakinhar li seħħ l-inċident kienet riekba fuq mutur waqt li kienet takkumpanja lil sħabha. Fl-affidavit tagħha ix-xhud qalet li l-inċident inkwistjoni seħħ meta huma kienu għadhom appena ser jibdew isuqu l-muturi tagħhom, hekk kif l-attur ħareġ mill-parking bay bil-mod. Din ix-xhud qalet li wara l-inċident hi avviċinat lill-attur u lil martu sabiex tara x'kien ġralhom, u dak il-ħin indunat li l-attur kien weġġa' saqajh tant li din kienet bla forma.*

***Xhud ieħor li kien preżenti fil-ħin tal-inċident, Sergio Muscat****, fl-affidavit tiegħu kkonferma li l-muturi li kienu qegħdin jinstaqu minnhom*

*dakinhar, kollha kellhom id-dawl mixgħul minħabba li kien diġà beda jidlam. Qal ukoll li hu kien ingranat biex joħroġ wara l-mutur tal-attur, minħabba li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed biex ikunu jistgħu jgħaddu żewġ muturi ħdejn xulxin. Qal li f'ħin minnhom sema' ħoss ta' brake u kien għalhekk li hu ma bediex ħiereġ bi-mutur tiegħu, meta fid-daqqa u l-ħin ra li l-vettura li ġiet minn wara kienet baqgħet dieħla fil-mutur misjuq mill-attur. Ix-xhud ikkonferma li l-attur dam rikoverat l-Isptar għal numru ta' ġimgħat, li matulhom anki ħtieġlu jagħmel użu minn siġġu tar-roti.*

*...*

*Fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018* ***xehed il-konvenut Warren Zammit****, li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni hu kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Volkswagen Polo u kien sejjer fid-direzzjoni lejn ir-Rabat. Il-konvenut qal li din hi triq b'karreġġjata waħda b'xi speed bumps fiha. Qal li fuq in-naħa tax-xellug tat-triq kien hemm xi vetturi pparkjati, u f'ħin minnhom minn wara vann ħareġ il-mutur li kien misjuq mill-attur. Ix-xhud qal li l-ewwel reazzjoni tiegħu kienet li jipprova jevita l-mutur, iżda billi f'dik il-parti tat-triq ma kienx hemm fejn jikser, spiċċa ħa brake u tkaxkar għal parti mit-triq, bir-riżultat li kien hemm kolliżjoni mal-mutur. Il-konvenut spjega li l-mutur ma kienx ħiereġ dritt kif toħroġ vettura, iżda f'forma dijagonali. Qal li wara li seħħ l-impatt, hu induna li fuq il-mutur kien hemm persuna oħra riekba u xi persuni kienu ċemplu għall-Pulizija u għall-ambulanza. Il-konvenut żied jgħid li ma jafx b'liema veloċità kien qiegħed isuq, iżda qal li jaħseb li kien għaddej b'veloċità ta' madwar ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa (45kph). Ix-xhud esebixxa sett ritratti sabiex juri l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu u l-mutur tal-attur fil-mumenti wara li seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li l-ħsarat fil-vetturi ġew sostnuti fil-ġnub tagħhom. Qal ukoll li mhux minnu li l-mutur kien laħaq iddritta wara li ħareġ mill-parking bay, iżda dan kien għadu ħiereġ mill-parking fil-ħin meta seħħ l-inċident. Ix-xhud ikkonferma li konsegwenza tal-imsemmi inċident inbdew proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ġie intavolat appell li għadu pendenti. Il-konvenut esebixxa wkoll kopja tas-survey report li tħejja għas-soċjetà li kienet assigurata magħha l-vettura misjuqa minnu, u fejn ġie stabbilit li l-vettura misjuqa minnu kienet total loss minħabba li l-ispejjeż għat-tiswija kienu jeċċedu l-valur tal-vettura.*

*Fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur Richard Zammit , li qal li minkejja li hu direttur ta' kumpannija, hu jirċievi paga millkumpannija. L-attur spjega li l-muturi kienu pparkjati quddiem is-showroom fejn jaħdem hu, u hu u sħabu kienu ftiehmu li jitilqu minn hemmhekk anki minħabba li hu jirrisjedi fuq is-showroom. Żied jispjega li l-mutur kien ipparkjat man-naħa tax-xellug tat-triq, u mat-triq kien hemm ipparkjati wkoll vetturi oħra fosthom vann. Qal li minkejja dan, hu kellu viżwali tajba tat-triq. L-attur qal li b'kollox kienu tlieta l-muturi li kienu fuqhom hu u sħabu, u tiegħu kien it-tieni mutur ipparkjat, għalkemm hu pprova joħroġ l-ewwel wieħed. Qal li l-muturi tiegħu u ta' sħabu kollha kienu pparkjati f'angolatura, u bejn il-vann li kien ipparkjat u l-ewwel mutur kien hemm żewġ parking spaces vojta. Lix-xhud sarlu riferiment*

*għar-ritratt immarkat Dok. RZ623 esebit mal-affidavit tiegħu, sabiex jindika bi vleġġa l-post fejn kien ipparkjat il-mutur tiegħu u l-post fejn seħħ l-impatt. L-attur ikkonferma li fl-ebda waqt meta hu ħares kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug tiegħu sabiex jara kinux ġejjin vetturi oħra, ma induna li kienet ġejja l-vettura misjuqa mill-konvenut*

*...*

*Fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018* ***sar il-kontroeżami tax-xhud Sally Zammit*** *li kkonfermat li t-tliet muturi kienu pparkjati kollha wara xulxin wiċċhom jagħti fuq it-triq, bil-mutur tal-attur ipparkjat fin-nofs. Ix-xhud qalet li żewġha kien ser joħroġ l-ewwel u l-pjan kien li sħabhom isuqu warajhom. Ix-xhud qalet li l-mutur intlaqat fuq is-saddle bag fin-naħa tal-lemin, u mal-impatt il-mutur dar. Żiedet tgħid li bejn il-ħin li fih ħarġu mill-parking space u l-impatt mal-vettura, huma laħqu mxew tul ta' vettura. Ix-xhud qalet li minkejja li hi direttriċi tal-kumpannija ProRide Ltd, hi ma tidħolx f'affarijiet marbuta mal-accounts u m'għarfitx twieġeb għad-domanda jekk hux minnu li fis-snin ta' qabel l-inċident, din il-kumpannija kienet diġà qiegħda tirreġistra telf.*

*Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018* ***sar il-kontroeżami tax-xhud Caroline Parnis****, li qalet li l-mutur tal-partner tagħha Sergio Muscat kien ipparkjat fin-.nofs, bejn iż-żewġ muturi l-oħra. Żiedet tispjega li l-pjan kien li l-ewwel isuq l-attur bil-mutur tiegħu, wara joħorġu huma u fl-aħħar nett Mirko u s-sieħba tiegħu. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li fil-ħin li seħħ l-inċident, hi u s-sieħeb tagħha kienu għadhom ma ħarġux bil-mutur mill-parking bay fejn kienu. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li kien hemm il-vetturi pparkjati mal-ġenb tat-triq, il-viżwali tat-triq kienet tajba, u kienu f'qagħda li jindunaw jekk tkun ġejja vettura mid-direzzjoni ta' Dave's Supermarket. Ix-xhud ikkonfermat li hekk kif l-attur iddritta l-mutur tiegħu, seħħ l-impatt minħabba li semgħet il-ħoss tal-brejkijiet u rat id-dawl aħmar tal-brejkijiet tal-vettura.*

***Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Sergio Muscat*** *, li qal li dakinhar li seħħ l-inċident, l-ewwel mutur li kien ipparkjat kien tiegħu, filwaqt li l-mutur tal-attur kien it-tieni wieħed. Ikkonferma li fuq in-naħa tal-lemin tiegħu kien hemm vetturi pparkjati, filwaqt li fuq in-naħa tax-xellug tiegħu kien hemm mini van. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja li kien hemm numru ta' vetturi pparkjati, hu kellu viżwali tajba tat-triq.*
***Fl-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' Karen Sciberras,*** *li kkonfermat li wara l-inċident, hi u s-sieħeb tagħha għadhom joħorġu jduru fuq il-muturi mal-attur, tant li anki jsiefru barra minn Malta bil-muturi tagħhom. Ix-xhud ikkonfermat li l-mutur tal-attur kien it-tieni wieħed li kien ipparkjat. Qalet li hi rat lill-attur ħiereġ bil-mutur minn fejn kien ipparkjat, u kif appena beda jsuq, ġiet karozza u semgħet storbju minħabba li kien hemm impatt mal-mutur tal-attur. Qalet li bid-daqqa l-mutur inqaleb, filwaqt li l-vettura baqgħet tinstaq għal xi distanza.*

***Il-kontroeżami ta' Mirko Van De Donk*** *sar fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 201829, fejn ikkonferma li l-muturi kienu pparkjati b'mod*

> *dijagonali b'wiċċhom fid-direzzjoni tar-Rabat. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ewwel mutur fir-ringiela kien dak ta' Sergio Muscat, filwaqt li l-mutur tal-attur kien fin-nofs, bejn iż-żewġ muturi l-oħra. Ix-xhud qal ukoll li fuq il-lemin tat-triq kien hemm numru ta' vetturi pparkjati, fosthom vann abjad.* ***Il-kontroeżami tal-konvenut Warren Zammit*** *sar fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019, li qal li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq b'karreġġjata waħda, bil-vetturi pparkjati mal-ġenb. Qal ukoll li fil-ħin tal-inċident hu kien ġej mid-direzzjoni ta' Ħal Qormi fi triqtu lejn Ħaż-Żebbuġ, u qal ukoll li t-triq hija one way. Żied jgħid li bejn wieħed u ieħor hu kien għaddej b'veloċità ta' 45 kilometru fis-siegħa dak il-ħin. Qal li minkejja li hu kellu vista tajba tat-triq, hu ma rax il-mutur jew il-muturi li kien hemm mal-ġenb tat-triq u induna bihom biss xħin ra lill-mutur tal-attur ħiereġ minn fejn kien ipparkjat. Il-konvenut qal li wara l-impatt hu ħareġ mill-vettura tiegħu u sema' l-għajjat tan-nies li kienu mal-vittma. Qal li jiftakar li l-mutur tneħħa minn fuqu, u dak il-ħin hu ċempel lil xi familjari tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li fil-ħin meta seħħ l-impatt, il-vettura misjuqa minnu kienet qed tiskiddja, u hu għafas il-brake b'mod aggressiv, iżda l-vettura baqgħet miexja għal tul ta' madwar metru jew tnejn. Il-konvenut qal li hu kien ra lill-mutur ħiereġ u kien għalhekk li dak il-ħin hu għafas il-brake.*

8. Din il-Qorti rat li seħħ inċident stradali bejn il-vettura tal-konvenut, Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE 451 u l-mutur tal-attur, tat-tip Harley Davidson Electra Glide Ultra Classic, bin-numru ta' reġistrazzjoni HDC 002 u dan fis-*service road* li hi triq paralella għal Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ[1], direzzjoni Rabat. *Oltre* dannu lill-mutur, l-attur sofra ġrieħi li kkawżawlu debilità permanenti ta' 6% *" to his right lower limb"*, u dan skont rapport *ex parte* mressaq mill-attur[2].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Permezz tal-appell imressaq mill-appellant Warren Zammit, hu jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u dan għaliex il-provi juru iswed fuq abjad li huwa l-attur li għandu jġorr ir-

---

[1] *Fol. 7* et seq.
[2] *Fol. 50* et seq.

responsabbiltà tal-akkadut u mhux il-konvenut.

*Apprezzament żbaljat tal-provi – Verosimiljanza tal-verżjonijiet tal-partijiet*

10. Fuq id-dinamika tal-inċident l-appellant jisħaq li teżisti verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet u li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti tant li l-partijiet jaddebitaw il-ħtija tal-akkadut lil xulxin. Jisħaq li teżisti inkonsistenza kruċjali fil-verżjonijiet mogħtija mill-attur u x-xhieda mressqa fir-rigward tad-dinamika tal-inċident. Jgħid li x-xhud Sally Zammit xehdet li l-ewwel daqqa subita kienet preċiżament fuq *is-saddle bag* tal-mutur li jinsab fuq il-ġenb tal-mutur fuq in-naħa tal-lemin. Jgħid li x-xhud Karen Sciberras saħqet li l-inċident seħħ kif appena beda jsuq wara li ħareġ minn fejn kien ipparkjat; dawn ix-xhieda jikkonfermaw il-verżjoni tal-appellant illi meta seħħ l-inċident il-mutur tal-appellat ma kienx għadu fid-dritta u dan ifisser li l-appellat qabad u ħareġ mingħajr l-ebda attenzjoni għat-traffiku li kien ġej fuq in-naħa tal-lemin tiegħu.

11. Jgħid li huwa impossibbli li l-inċident seħħ kif qed jgħid l-attur *qua* appellat u dan peress li kif qal l-appellat stess, l-impatt seħħ hekk kif il-mutur misjuq mill-appellat qabad u ħareġ u mhux meta diġà kien fid-dritta. Jgħid li kif muri fir-ritratt f'Dok WZ7, il-mutur ma ssubixxa l-ebda ħsara fuq in-naħa ta' wara, filwaqt li ħsarat subiti mill-vettura tal-appellant huma fuq il-ġenb xellugi u li kieku l-mutur kien verament fid-dritta, l-ħsarat tal-mutur

kienu jkunu frontali mhux laterali. Jargumenta li l-Qorti għandha tislet prova minn oħra u li l-Ewwel Qorti ma tatx piż debitu lit-teżi tal-appellant u minflok strieħet fuq il-verżjoni tal-attur li hi mimlija inkonsistenzi.

12. L-attur *qua* appellat iwieġeb li l-appell huwa nieqes minn dawk l-elementi neċessarji li sabiex tiġi evitata inġustizzja manifesta għandha twassal lill-Qorti ta' reviżjoni sabiex tissindika l-apprezzament tal-provi. Fil-mertu jqis illi mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti. Jisħaq li mill-qari tal-proċess wieħed jiddeduċi li l-punt kruċjali li fuqu hemm diverġenza huwa jekk l-appellant rax jew setax jara lill-appellat ħiereġ bil-mutur mill-parkeġġ.

13. Jisħaq li x-xhieda kollha mressqa mill-appellat kienu konsistenti. Jgħid li l-appellat kien selettiv bil-mod ta' kif tratta x-xhieda ta' Sally Zammit, mart l-appellat u Karen Sciberras u li ma hemm xejn inkonsistenti fix-xhieda tagħhom. Fir-rigward tad-direzzjoni li kien fiha l-mutur, jisħaq li mix-xhieda joħroġ biċ-ċar li l-attur kien fid-dritta meta nqabad min-naħa ta' wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut u kawża ta' liema l-mutur tkaxkar u eventwalment ikkawża ħsara fil-ġenb tal-mutur, liema ħsara seħħet mat-tieni impatt. Jisħaq li x-xhieda mressqa minnu kienu konsistenti.

14. Jisħaq li għalkemm l-appellant ittenta jiddefendi ruħu billi jisħaq illi

kien hemm żewġ vannijiet ipparkjati u ma setax jara l-mutur tal-attur, matul il-proċeduri ħareġ ċar illi mhux minnu li kien hemm żewġ vannijiet għaliex it-tieni vann wasal għaxar minuti wara l-inċident. Jisħaq li għalkemm l-appellant xehed li ra żewġ vannijiet, wara qal li ma setax jikkonferma jekk fil-fatt kienx hemm żewġ vannijiet.

15. Jgħid li l-vista tal-appellant qatt ma kienet ostakolata u li meta tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li t-triq kienet dejqa, dritta b'viżwali tajba u residenzjali u li kien hemm tliet muturi bid-dawl mixgħul lesti biex jitilqu, jiġi konkluż illi l-inċident kien ikkaġunat bl-*ispeed* eċċessiv tal-konvenut u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan.

*Obbligu u dmirijiet da parti ta' vettura li tkun ser toħroġ minn parkeġġ*

16. L-appellant jgħid li l-artikolu 151 tal-Highway Code jiddetta illi qabel xufier jiċċaqlaq hu għandu jħares madwaru biex jara li ma ser ikun hemm ħadd li ser jaqilgħu u għandu jimxi biss meta ma jkunx hemm periklu u meta l-manuvra ma tkunx ta' inkonvenjent għall-utenti l-oħra tat-triq fil-waqt li d-dritta għandha tingħata lill-vetturi li jkunu għaddejjin fit-triq. Li l-Ewwel Qorti kellha teżamina wkoll l-azzjonijiet tal-appellat għaliex dan ma żammx *a proper lookout* u dan b'negliġenza, traskuraġni u imperizja. Jisħaq li l-appellat qajla jista' jitwemmen li ma rax il-vettura tal-appellant ġejja meta hu stess kien stqarr li kellu viżwali tat-triq.

17. Jisħaq li bħala stat ta' fatt, kien hu li kien għaddej fid-dritta tiegħu u li kien l-appellat li ried jidħol fit-triq u li b'hekk kellu jassigura illi ma kienx ser ikun ta' inkonvenjent, dan però l-attur ma għamlux, tant li l-inċident seħħ mhux għaliex l-appellant kien negliġenti jew traskurat iżda għaliex l-attur għamel manuvra inkonsulta u qabad u ħareġ mill-parkeġġ bl-addoċċ.

18. L-attur *qua* appellat wieġeb illi l-Ewwel Qorti rat li x-xhieda kollha mressqa kienu konsistenti u kkunsidrat li kienu moħħhom fit-triq u li kellhom id-dwal mixgħulin. Jisħaq li huwa fatt li l-karozza tal-appellant tfaċċat ħabta u sabta. Jgħid li hu kien ħiereġ ma' sħabu, li kien filgħaxija u li qabel ma ħareġ minn fejn kien ipparkjat, ħares lejn il-lemin u lejn ix-xellug u aċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd. Kien biss ftit wara li ħareġ li sema' ħoss ta' *brake*, ħass il-mutur jitlaq minn taħt idejh u wara ra li siequ ħadet il-forma ta' L peress li ma setax jiċċaqlaq mill-art. Jagħmel referenza għall-fatt illi fir-ritratt Dok WZ7, tidher marka fil-*crash bar* minn fejn il-karozza qabdet il-mutur minn wara u li minħabba li l-piż tal-karozza huwa ħafna aktar mill-mutur, il-karozza kaxkret il-mutur u l-mutur dar lateralment għal ġol-karozza, ħa saqajn l-attur u tefgħu mal-art. Hu jagħmel referenza lejn ix-xhieda mressqa u jgħid li dawn juru li l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjoni tagħha.

*Veloċità da parti tal-appellant – Sewqan traskurat*

19. L-appellant jisħaq li mhux minnu li l-inċident seħħ minħabba l-veloċità eċċessiva li biha kien qed isuq. Jisħaq li l-*brake-marks* b'tul ta' erbatax (14) -il metru jikkorrispondu għall-*ispeed* ta' ħamsa u erbgħin (45) kilometru fis-siegħa u li din il-veloċità hija konformi mal-limitu impost mil-liġi fi triq bħal ma hija dik in kwistjoni u in konformità mal-Artikolu 281 tal-*Highway Code* u proporzjonali mal-kundizzjoni tat-triq u t-temp fil-ġurnata.

20. Jisħaq li mill-*brake-marks* li tħallew għandu jiġi faċilment konkluż li l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba l-manuvra tal-appellat li qabad u ħareġ mill-parkeġġ mingħajr id-debita *proper lookout.* Jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberatu mill-akkuża ta' sewqan f'manjiera traskurata u bla kont.

21. L-attur *qua* appellat jisħaq illi artikolu 191 tal-Highway Code jipprovdi illi f'*Narrow Residential Roads* wieħed għandu *"You should drive slowly and carefully especially in roads where there are no pavements or sidewalks where there are likely pedestrians, cyclists and parked cars. In some areas a 35kph maximum speed limit may be in force. Look out for: Vehicles emerging from junctions and garages, vehicles moving off (especially without signalling), pedestrians using the carriageway.* Jisħaq li mhux korrett l-appellat meta jgħid li jista' jsuq b'veloċità ta' 50 kilometru fis-siegħa għaliex it-triq hija residenzjali, *one-lane, one-way* b'diversi *speed bumps* u mimlija stabbilimenti u karozzi pparkjati.

22. Jisħaq li kien evidenti, anke għall-pulizija li waslu fuq il-post, li l-appellant ħa *brake* twil, tant li ħalla l-marki tar-roti għal tul ta' erbatax-il metru sħaħ. Kien il-konvenut stess li pprova jagħfas il-*brake* biex jieqaf, iżda xorta ħabat fil-mutur u l-karozza baqgħet mixja.

23. Qies ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tikkunsidra l-provi miġbura madankollu ma jfissirx li għaliex l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni diversa mill-Qorti Kriminali għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Il-grad tal-prova fi proċeduri ċivili mhux l-istess bħal grad ta' prova fi proċeduri kriminali u li l-Ewwel Qorti kienet ġusta meta saħqet li l-appellant kien qed issuq b'mod eċċessiv.

24. **Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tar-responsabbiltà tal-akkadut:**

> *Konsiderazzjonijiet legali*
>
> *Il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-evidenza ppreżentata waqt din il-kawża sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenut hemmx responsabbilità ċivili x'tinġarr għad-danni sofferti mill-attur. Jirriżulta mill-provi li d-dinamika ta' dan l-inċident kienet tinvolvi ħabta bejn mutur misjuq mill-attur u vettura misjuqa mill-konvenut, liema ħabta seħħet f'service road b'karreġġjata waħda, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, u li minnha jistgħu jgħaddu vetturi f'direzzjoni waħda biss. Jirriżulta l-attur kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu b'martu bħala passiġġier, u fl-istess parkeġġ minn fejn kien ħiereġ l-attur kien hemm żewġ muturi oħra ħerġin bil-ħsieb li jsuqu wara xulxin, misjuqin minn tnejn minn sħabu flimkien man-nisa tagħhom. L-attur kien l-ewwel wieħed li ħareġ mill-parking bay li kienu fiha, u skont l-istess attur hekk kif iddritta l-mutur tiegħu sabiex isuq f'din it-triq, safa milqut mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Ix-xhieda okulari li kien hemm fuq il-post fejn seħħ l-inċident, jiġifieri sħab l-attur li kienu rekbin il-muturi tagħhom sabiex isuqu warajh, ilkoll xehdu li moħħhom kien fit-triq sabiex jaraw kinux ġejjin vetturi fid-direzzjoni tagħhom, li kellhom id-dwal tal-muturi mixgħulin u li l-attur kien laħaq saq*

*distanza żgħira xħin safa milqut mill-vettura tal-konvenut. Il-konvenut min-naħa tiegħu kkontradixxa x-xhieda mogħtija mill-attur, minn martu u minn sħabu, u qal li l-attur kien għadu ma bediex isuq fit-triq minħabba li l-ħabta seħħet bejn il-ġenb tal-vettura u l-ġenb tal-mutur. Madanakollu kemm l-attur kif ukoll ix-xhieda li kienu fuq il-post, qalu li d-daqqa l-mutur ħadha fuq in-naħa ta' wara, kif inhu evidenti anki min-natura tal-ħsarat, tant li l-mutur dar u waqa' konsegwenza tal-impatt.*

*Mill-ewwel ftit mumenti wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, kien evidenti anki għall-Pulizija li waslu fuq il-post, li l-konvenut ħa brake qawwi ħafna, tant hu hekk li kien hemm marki tar-roti għal tul ta' erbatax-il metru sa fejn waqfet il-vettura tal-konvenut. Jirriżulta wkoll li l-konvenut ma rnexxilux jikkontrolla l-vettura tiegħu lanqas wara li seħħ l-impatt, tant hu hekk li kompla jsuq għal distanza ta' ftit metri sakemm irnexxielu jwaqqaf il-vettura tiegħu. Dan ifisser li mhux biss il-konvenut kien qiegħed isuq b'mod traskurat, iżda wkoll li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva speċjalment fir-rigward ta' dik is-service road partikolari li tinsab faċċata ta' għadd ta' ħwienet kbar u stabbilimenti kummerċjali, fejn kif intqal ikun hemm għadd ta' vetturi pparkjati mal-ġenb, u fejn hemm wisa' biss kemm tgħaddi vettura waħda. Jirriżulta wkoll li l-konvenut kellu viżwali tajba tat-triq, u li ma kien hemm ebda raġuni għalfejn ma jarax lil dan il-mutur, speċjalment meta kif intqal, dan kellu d-dwal mixgħula u l-attur kien ħa l-prekawzjonijiet kollha li jaċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd mid-direzzjoni opposta qabel jibda jsuq.*

*Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qal il-konvenut fix-xhieda tiegħu u fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija, meta qal li l-mutur ħasdu, u li kien għalhekk li għafas il-brake Madanakollu r-reazzjoni tiegħu ma kinitx f'waqtha biżżejjed biex jiġi evitat inċident bħal dan, fattur dan dovut għall-veloċità eċċessiva li l-attur kien qiegħed isuq biha, u għall-fatt li kien qiegħed isuq b'mod traskurat u li ma ħax konsiderazzjoni tal-vetturi u l-persuni l-oħra li kien hemm fit-triq f'dak il-ħin.*

*Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jgħid l-artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili illi:*

> *"Jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja."*

*Il-Qorti tqis li missier tajjeb ta' familja jsuq b'mod prudenti, u konformi ma' dak li hu prevedibbli li jista' jinqala', speċjalment fi triq bħalma hija dik fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u fejn għalhekk kien mistenni mill-konvenut li dan jirrallenta sew fil-veloċità tiegħu, speċjalment meta f'din it-triq hemm numru ta' speed bumps u kien hemm ukoll vetturi pparkjati, apparti li din hija triq minn fejn jgħaddu diversi persuni bil-mixi.*

*F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs. Alfred Mifsud, intqal illi:*

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat."*

*F'deċiżjoni oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs. Antonio Spiteri 32 intqal illi:*

> *"Sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."*

*Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li l-konvenut kien qiegħed isuq b'mod traskurat u b'veloċità eċċessiva, tant li lanqas biss induna bil-mutur tal-attur, u minkejja l-brake fit-tul li ħa, xorta waħda ma seħħlux jikkontrolla l-vettura tiegħu fil-ħin, u baqa' jsuq għal distanza żgħira qabel irnexxielu jieqaf, u għalhekk il-Qorti tqis li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-inċident.*

*Ladarba ġiet determinata l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għal dan l-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur.*

25. **Din il-Qorti tqis li effetivament il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi għaliex jgħid li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-provi sew u sempliċiment iddeċidiet li tistrieħ fuq il-verżjoni tal-attur qua appellat.**

26. Wara li qieset l-atti din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif l-Ewwel Qorti qieset ix-xhieda mressqa u l-kumplament tal-provi esebiti u din il-Qorti ma tqisx li hemm raġuni li tiddisturba s-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan għar-raġunijiet segwenti.

27. Din il-Qorti rat li t-triq li seħħ fiha l-inċident kienet *one way,* b'karreġġjata waħda u bil-karozzi ipparkjati, dan kif anke xehed il-

konvenut stess[3].

28. Rat li jeżistu żewġ verżjonijiet tad-dinamika tal-inċident. L-attur xehed li wara li ħareġ minn parkeġġ għal fuq it-triq u wara li kien diġà ddritta l-mutur u qabad isuq laqtitu l-karozza tal-appellant. L-appellant konvenut jixhed li l-mutur ħareġ mill-parkeġġ għal fuq it-triq mingħajr attenzjoni tant li l-konvenut ma laħaqx waqqaf il-karozza u li prova ċara ta' dan hu li l-attur kien għadu ma drittax il-mutur.

29. Din il-Qorti tosserva li għal xi raġuni jew oħra, il-partijiet ma rawx lil xulxin, l-attur jgħid li ħares qabel ħareġ mill-parkeġġ u l-konvenut ma rahx, il-konvenut li l-viżwali tiegħu kien ostakolat u li l-attur ħareġ f'daqqa u ma rahx anqas.

30. Fuq il-kwistjoni tal-vannijiet ipparkjati u li l-konvenut kellu ostaklu viżwali, fl-aħħar kontroeżami tiegħu l-konvenut stess jgħid li ma kienx ċert jekk kienx hemm żewġ vannijiet ipparkjati[4], filwaqt li x-xhud Marco van de Dong qal li t-tieni vann kien ipparkjat wara li seħħ l-inċident[5].

31. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur kien diġà qiegħed fil-karreġġjata qabel il-konvenut *qua* appellant ħabat fil-mutur tal-attur tant li l-konvenut kellu jżomm brejk, madankollu dan kien ta' xejn. Jidher li l-karozza

[3] *Fol.* 94 *et seq.*
[4] *Fol.* 181 *et seq.*
[5] *Fol.* 170 *et seq.*

baqgħet titkaxkar biex ħalliet *brake lines* ta' erbatax-il metru. Fuq kollox il-vettura tal-konvenut ma kellhiex ABS, dan kif anke xehed PS 1585 James Weatherhill[6].

32. Konsegwentement din il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' attenzjoni li kellu l-konvenut, il-veloċità li kien għaddej biha fit-triq in kwistjoni fejn il-konvenut in kontroeżami jsemmi li setgħet kienet ta' 45 kilometru fis-siegħa[7], u n-nuqqas ta' ABS fil-karozza tiegħu, kienu fatturi li żammew lill-konvenut milli jikkontrolla l-karozza tiegħu fil-ħin propizju u b'hekk seħħ l-impatt mal-mutur, b'mod li l-attur spiċċa mal-art bi ġrieħi li wasslu għall-debilità permanenti ta' 6%.

33. Tassew il-konvenut ikkwota l-*Highway Code* u li ma nstabx li kien qed isuq b'veloċità eċċessiva mill-Qorti tal-Maġistrati[8]. Dan però mhux biżżejjed biex jeżonera lill-konvenut minn responsabbilità ċivili, fuq kollox dik is-sentenza stess (li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienet għadha qed tiġi appellata[9]) il-Qorti tal-Maġistrati mmultat lill-konvenut għaliex "*l-imputat ma kienx għal xi raġuni moħħu hemm u b'hekk daħal fil-mutur...*".

34. Anqas ma huwa biżżejjed li ssir referenza għall-veloċità

[6] *Fol.* 60 *et seq.*
[7] *Fol.*182
[8] *Fol. 108* – Qorti tal-Maġistrati (Malta), Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża nhar l-10 ta' Novembru 2017 – Il-Pulizija vs Warren Zammit
[9] *Fol.* 99

permissibbli mingħajr ma jittieħed in konsiderazzjoni n-natura tat-triq jew l-istat tal-karozza. Fi triq bħal dik il-konvenut kellu jistenna li setgħet toħroġ karozza mill-parkeġġ f'kull mument u b'hekk kellu jutilizza ċerta kawtela, speċjalment jekk il-karozza ma kinitx mgħammra bl-ABS.

35. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti.

36. Billi ma tressaq l-ebda aggravju oħra rigward il-kumpens likwidat u l-persentaġġ ta' debilità permanenti, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'dawn il-kwistjonijiet u ser tikkonferma l-istess.

**Decide**

37. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż ta' dan l-appell kontra l-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss